II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1352

tat-3 ta' Awwissu 2022

li jidderoga fir-rigward tas-sena 2022 mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 75(1), tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livell ta' pagamenti bil-quddiem għal pagamenti diretti u miżuri ta' żvilupp rurali relatati mal-erja u mal-annimali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 75(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 75(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, mis-16 ta' Ottubru sat-30 ta' Novembru, l-Istati Membri jistgħu jħallsu bil-quddiem sa 50 % għall-pagamenti diretti skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u sa qabel l-1 ta' Diċembru sa 75 % għall-miżuri ta' appoġġ relatati mal-erja u mal-annimali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(2) Minħabba l-kriżi li rriżultat mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Istati Membri, il-bdiewa ltaqgħu ma' diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji importanti. Meta titqies il-vulnerabbiltà speċifika ta' dawn l-operaturi ekonomiċi u sabiex jittaffew il-konsegwenzi finanzjarji u l-problemi tal-flussi tal-flus marbuta ma' dik il-kriżi, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/531 ([4]) u (UE) 2021/1295 ([5]) ppermettew lill-Istati Membri jħallsu livell ogħla ta' pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji għas-sena 2020 u 2021 rispettivament. Peress li l-pandemija tal-COVID-19 għadha tippersisti fl-2022 u l-bdiewa għadhom qed jiffaċċjaw tfixkil ekonomiku, li ġie aċċentwat iktar mill-konsegwenzi tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fuq is-settur agroalimentari, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ikomplu jħallsu iktar pagamenti bil-quddiem fir-rigward tas-sena tat-talba 2022.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/531 tas-16 ta' April 2020 li jidderoga fir-rigward tas-sena 2020 mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livell ta' pagamenti bil-quddiem għall-pagamenti diretti kif ukoll għal miżuri ta' żvilupp rurali relatati mal-erja u mal-annimali u mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 75(2) ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-pagamenti diretti, ĠU L 119, 17.4.2020, p. 1.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1295 tal-4 ta' Awwissu 2021 li jidderoga fir-rigward tas-sena 2021 mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 75(1), tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livell ta' pagamenti bil-quddiem għal pagamenti diretti u miżuri ta' żvilupp rurali relatati mal-erja u mal-annimali, ĠU L 282, 5.8.2021, p. 3.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli, il-Kumitat għall-Pagamenti Diretti u l-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 75(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, fir-rigward tas-sena tat-talba 2022, l-Istati Membri jistgħu jħallsu bil-quddiem sa 70 % fir-rigward tal-pagamenti diretti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u sa 85 % għall-appoġġ mogħti fil-qafas tal-iżvilupp rurali kif imsemmi fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN